

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) [Rikonoxximent Reċiproku Ta' Miżuri Ta' Protezzjoni F'materji Ċivili](#) > [Netherlands](#)

Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili

Olanda



Olanda

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

Artikolu 17 - Informazzjoni magħmula aċċessibbli għall-pubbliku

Il-vittmi li jridu jiksbu miżura protettiva fin-Netherlands għandhom iressqu proċedimenti ċivili (proċedimenti għal miżuri provviżorji (*kort geding*)). Dan irid isir permezz ta' avukat, li jipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita u jmessxi l-proċedimenti f'isem il-vittma.

Artikolu 18 (a)(i) - l-awtoritajiet li huma kompetenti biex jordnaw miżuri ta' protezzjoni u joħorġu ċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 5

Qrati kompetenti biex jordnaw miżuri ta' protezzjoni u joħorġu ċertifikati f'konformità mal-Artikolu 5

Fin-Netherlands, kemm il-miżuri ta' protezzjoni imposti mill-qrati ċivili kif ukoll l-ordnijiet temporanji ta' trażżin imposti mis-sindki jew mill-assistenti prosekuturi pubbliċi jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Dawn l-awtoritajiet huma kompetenti biex jordnaw miżuri ta' protezzjoni. Awtorità li tkun ordnat miżura ta' protezzjoni hija kompetenti wkoll biex toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament.

Artikolu 18 (a)(ii) - l-awtoritajiet li quddiemhom għandha tiġi invokata miżura ta' protezzjoni ordnata fi Stati Membru ieħor u/jew li huma kompetenti biex jeżegwixxu tali miżura

Persuna protetta li tixtieq tinvoka miżura ta' protezzjoni fin-Netherlands ordnata fi Stat Membru ieħor tista' titlob lill-imħallef li jisma' talbiet għal miżuri provviżorji (*voorzieningenrechter*) fil-Qorti Distrettwali ta' The Hague (*Rechtbank Den Haag*) biex jimponi rimedju b'mandat ta' inibizzjoni permess mil-liġi jew biex jinforza l-konformità mal-miżura ta' protezzjoni bl-assistenza tal-pulizija.

Artikolu 18 (a)(iii) - l-awtoritajiet li huma kompetenti sabiex jagħmlu l-aġġustament tal-miżuri ta' protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(1)

L-imħallef li jisma' talbiet għal miżuri provviżorji fil-Qorti Distrettwali ta' The Hague huwa kompetenti biex jaġġusta miżura ta' protezzjoni skont l-Artikolu 11(1).

Voorzieningenrechter Rechtbank Den Haag

Prins Clauslaan 60, 2595 AJ Den Haag

PO Box 20302, 2500 EH Den Haag

Jekk il-persuna protetta tkun tixtieq tippreżenta appell kontra l-aġġustament tal-miżura ta' protezzjoni, dan tista' tagħmlu quddiem il-Qorti tal-Appell ta' The Hague (*Gerechtshof Den Haag*).

Gerechtshof Den Haag

Prins Clauslaan 60, 2595 AJ Den Haag

PO Box 20302, 2500 EH Den Haag

Artikolu 18 (a)(iv) - il-qrati li lilhom ir-rikors għal rifjut tar-rikonoxximent u, fejn applikabbli, tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 13

Talba għal rifjut ta' rikonoxximent jew eżekuzzjoni ta' miżura ta' protezzjoni mill-persuna li tikkawża r-riskju, skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament, għandha tiġi ppreżentata lill-imħallef li jkun qed jisma' talbiet għal miżuri provviżorji fil-Qorti Distrettwali ta' The Hague:

Voorzieningenrechter Rechtbank Den Haag

Prins Clauslaan 60, 2595 AJ Den Haag

PO Box 20302, 2500 EH Den Haag

Appell jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Appell ta' The Hague:

Gerechtshof Den Haag

Prins Clauslaan 60, 2595 AJ Den Haag

PO Box 20302, 2500 EH Den Haag

Artikolu 18 (b) - il-lingwa jew lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 16(1)

in-Netherlandiż

■ L-aħħar aġġornament: 11/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.